MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Appell Civili Numru. 219/1999/1

**Geoffrey Grech**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvillupp**

**Il-Qorti,**

## I PRELIMINARI

1. Geoffrey Grech (“l-appellant”) ghamel applikazzjoni quddiem l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar (“l-Awtorita`”) biex jottjeni

"*Outline development permission*" "*to construct stables*" f'sit li jinsab fil-kontrada tal-Busbesija fil-limiti tal-Mosta.

2. Il-Kummissjoni ghall-kontroll ta' l-Izvilupp ("l-Kummissjoni") irrifjutat li tohrog l-permess mitlub b'decizjoni motivata datata 17 ta' Settembru 1997.

3. L-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni u ressaq appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ("il-Bord"). Quddiem il-Bord huwa kkontesta dettaljatament kull raguni li l-Kummissjoni qanqlet kontra l-izvilupp propost. Il-Bord zamm access fuq il-post u l-partijiet ressqu sottomissjonijiet dettaljati bil-miktub ghall-konsiderazzjoni tal-Bord.

4. Il-Bord ippronunzja d-decizjoni tieghu, li biha cahad l-appell, fit-30 ta' Lulju 1999. Kopja ta' din id-decizjoni qieghda tigi annessa bhal appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Id-decizjoni telenka r-ragunijiet li ressqet il-Kummissjoni ghar-rifjut, u tirriproduci r-ragunijiet ta' l-appell ta' l-appellant, kif ukoll is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub li pprezentaw il-kontendenti fil-pendenza ta' l-appell. Il-parti konkludenti tad-decizjoni tal-Bord taqra hekk:-
"Ra l-policies SET 11, RCO 2, RCO 4, AHF 4, AHF 5, BEN 1, u l-paragrafu 7.6 tal-Pjan ta' Struttura, il-paragrafu 11.3 tal-Explanatory Memorandum, Policy PLP 20, u Policy and Design Guidance – Farmhouses and Agricultural Buildings;

Ra d-decizjoni moghtija minn dan l-istess Bord fl-ismijiet *Patrick Filletti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp*, deciz fil-11 ta' Frar, 1994 (appell numru 68/93 KA);

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi waqt l-access, il-Bord seta' jikkonstata li s-sit mertu ta' dan l-izvilupp mhix accessibbli minn *existing road.* Ghall-kuntrarju, is-sit huwa 'il boghod minn triq ezistenti. L-izvilupp propost jirrikjedi l-provista ta' certi servizzi infrastrutturali bhal dawl u l-ilma u s-sit mertu ta' dan l-

appell mhux attwalment munit b'dawn is-servizzi, bil-konsegwenza li l-izvilupp propost imur kontra l-Policy AHF 4 tal-Pjan ta' Struttura. Mhux hekk biss, is-sit mertu ta' dan l-appell huwa wiehed xeniku, mhux mittiefes bl-izvilupp u sitwat f'zona ta' konservazzjoni rurali. L-impatt li se jkollu l-izvilupp propost fuq l-ambjent certament se jkun wiehed avvers.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess ghall-izvilupp."

**II L-APPELL**

5. L-appellant intavola l-appell fuqu minn din id-decizjoni fit-13 ta' Awissu 1999. Huwa spjega r-ragunijiet li gaghluh ihoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Bord u talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord.

6. L-Awtorita` ikkontestat l-appell b'eccezzjoni preliminari, kif ukoll fil-meritu u talbet li l-appell jigi michud u li d-decizjoni appellata tigi kkonfermata.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

7. Bl-eccezzjoni preliminari taghha, l-Awtorita` qieghda tallega li l-appell odjern huwa null ghaliex ma giex basat fuq punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord.

8. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-artikolu 15(2) tal-Att ta' l-1992 Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp li jaghti dritt ta' appell lil din il-Qorti biss minn punti ta' ligi decizi mill-Bord.

Din id-dispozizzjoni ma tenhtiegx li tigi kkummentata f'din is-sentenza billi din il-Qorti kellha okkazzjoni li taghmel hekk f'numru kbir ta' sentenzi li ppronunzjat dan l-ahhar.

9. Jekk wiehed jaghti harsa lejn is-silta mid-decizjoni appellata li giet riprodotta fil-paragrafu 4 ta' din is-sentenza, wiehed ghandu malajr isib li l-Bord ma ddecieda l-ebda punt ta' dritt. Allura difficilment jista' wiehed jibbaza validament appell lil din il-Qorti mill-odjerna decizjoni tal-Bord, jekk wiehed izomm quddiem

ghajnejh kemm hija limitata il-gurisdizzjoni statutorja ta' din il-Qorti fid-dawl ta' l-imsemmi artikolu 15(2).

10. L-aggravju tal-appellant huwa mfisser minnu testwalment hekk:-
"Id-decizjoni appellata hija zbaljata u erronea fil-ligi. Id-decizjoni ma twiziniex b'mod sew u xieraq ir-ragunijiet migjuba mill-appellant ghaliex ir-rifjut ma kellux jibqa' jsehh. Ir-ragunijiet minnu migjuba b'mod ezawrienti biex jikkombatti t-tezi ta' l-Awtorita` ma jsibu l-ebda riskontru fid-decizjoni appellata. B'dan il-mod l-Onorabbli Bord gie ma hax in konsiderazzjoni fatturi rilevanti li huwa kellu jwiezen kontra l-fatturi fuq liema wasal ghall-konkluzzjoni fid-decizjoni tieghu. Tali pozizzjoni hija ghalhekk erronea fil-ligi. Lanqas ma spjega l-Bord kif id-decizjoni prezenti tiddifferenzja ruhha mid-decizjoni tal-11 ta' Frar, 1994 fil-kaz Patrick Filletti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u ghaliex il-principji hemm stabbiliti ma humiex applikabbli ghall-kaz prezenti. L-esponent bhala bidwi kellu dritt skond il-*policies* vigenti li jaghmel l-izvilupp propost biex huwa jkun jista' jezercita l-professjoni tieghu. Dawk il-*policies* li kienu jaghtu dritt lill-esponent biex jaghmel l-izvilupp gew kompletament injorati u mwarrba. Ghalhekk d-decizjoni appellata hija, bir-rispett kollu, wahda zbaljata u ghandha titwarrab".

11. L-appellant qieghed jilmenta li, nonostante li quddiem il-Bord, huwa ressaq ragunijiet ezawrienti biex jikkombatti t-tezi ta' l-Awtorita`, u biex juri li l-*policies* vigenti kienu jintitolawh, bhala bidwi, li jinghata l-permess mitlub biex jezercita l-professjoni tieghu, tali ragunijiet u *policies* ma gewx valutati b'mod xieraq u sewwa mill-Bord, li warrabhom. B'hekk, il-Bord ma hax in konsiderazzjoni fatturi rilevanti u dan kien jaghmel id-decizjoni appellata erroneja fil-ligi.

12. Il-Qorti ghandha tirrileva li s-sottomissjonijiet kollha tal-appellant gew inseriti fil-Korp tas-sentenza u ghalhekk dawn certament kienu "quddiem" il-Bord. Huwa veru, pero`, li l-Bord ma kkummenta xejn jew kwazi xejn fuq dawn is-sottomissjonijiet. Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li l-impatt li se jkollu l-izvilupp propost fuq iz-zona ta'

konservazzjoni rurali li fiha jinsab is-sit in kwistjoni, kien sejjer ikun certament wiehed avvers. Din hija evalwazzjoni fattwali li ghamel il-Bord, li m'hijiex sindakabbli minn din il-Qorti.

Il-Qorti tasal li taqbel ma' l-appellant li parti telliefa ftit li xejn tkun sodisfatta b'decizjoni telegrafika bhal dik li ta l-Bord. Jista' jkun li l-kaz kien jimmerita decizjoni aktar imlahhma u dettaljata. Pero`, mill-banda l-ohra, jekk il-Bord ikun wasal ghall-konkluzjoni tieghu a bazi ta' raguni wahda biss, li huwa jqisha importanti w impellenti bizzejjed biex fuqha jibbaza d-decizjoni kollha tieghu, ma hux strettament mehtieg li l-Bord joqghod janalizza il-kwestjonijiet l-ohra kollha li l-partijiet ikunu qajmu fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-appell. Fil-kaz odjern il-Bord ta r-ragunijiet tieghu (ara para. 4 supra) ghaliex ma setghax jilqa' l-appell. Il-fatt li l-Bord elenka fil-korp tad-decizjoni tieghu is-sottomissjonijiet teknici u dettaljati ta' l-appellant, li sussegwentement thallew bla ebda kumment da parti tal-Bord, ma jistax ma jindikax li l-fatturi kollha li semma l-Bord fil-parti konkludenti tad-decizjoni (fatturi li l-Bord seta' jikkonstata b'ghajnejh stess waqt l-access) gabu fix-xejn ghal kollox il-valur ta' l-imsemmija sottomissjonijiet ta' l-appellant. Il-Qorti jidhrilha li dan il-kumment taghha tista' tasal ghalih ghaliex tarah bhala sottointiz fid-decizjoni appellata.

13. Ghal dawn il-motivi, tilqa` l-imsemmija eccezzjoni ta' l-Awtorita` fis-sens li tiddikjara l-appell inamissibbli u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Deputat Registratur
df

**Appendici**

Kopja tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-30 ta' Lulju 1999 qed tigi annessa biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------